Minuti tal-Laqgħa Nru. 7 tas-Seba' Kunsill Lokali ta' Il-Gżira li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv, 283/1, Triq d' Argens, Il-Gżira, nhar it-Tlieta, 15 ta' Settembru 2015 fil-5.30 p.m.

| **Preżenti:** | il-Membri |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur. Conrad Borg Manche |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Ralph Mangion |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Joe Galea<br>Is-Sra. Graziella Schembri<br>Is-Sur. Neville Chetcuti |
| Skużati | Is-Sur. Wayne Hewitt<br>Is-Sur. Jeremy Cardona |
| Aġent Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |
| Preżenti wkoll | Is-Sur. Fabian Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-minuti
3. Korrispondenza
4. Progress
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
6. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti ġew approvatti.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MIL-MINUTI

**Bilboards**

2.1 Fuq il-bilboards is-Sindku semma li kien hemm follow up fuq dan l-item imma għad m' hemmx permessi minn naħa tal-MEPA.

**Permessi**

2.2 Il-Kunsillier Chetcuti semma li huwa kien bagħat email lil Authorised Officer tar-Reġjun biex minn qabel ikollu lista tal-postijiet fejn se jsiru ix-xogħolijiet. L-Authorised Officer kien qallu li r-Reġjun kien waqqaf is-servizz tiegħu.

2.3 Is-Sindku semma li huwa kien ippropona biex ikun hemm lista tal-permessi li jkun hemm attwatti li tkun viewable online għall Kunsilli kollha biex ikun jista jkun ikkordinat ix-xogħol aħjar. Huwa semma li din il-proposta flimkien mal-proposta biex ikunu riveduti l-multi kien se jressaqhom fir-Reġjun.

2.4 Is-Sindku semma li minn se jkun qed japplikka għall permess irid ikun infurmat minn qabel fuq il-kundizzjonijiet marbuta ma dak it-tip ta' permess.

2.5 Is-Sindku semma li huwa u l-Kunsilliera Galea u Chetcuti se jkunu qed jiddiskutu dan l-item aktar fid-dettal bħala sistema.

**Akkwist ta Propjetajiet**

2.6 Il-Kunsillier Galea saqsa kif konna bqajna fuq id-Dar tal-Anzjani. Is-Segretarju spjega li huwa kien sab fuq proċedura fejn din il-propjeta il-Parlament jista' jgħaddiha lill-Kunsill Lokali.

2.7 Il-Kunsillier Galea saqsa wkoll kif konna bqajna fuq il-clinic. Is-Sindku semma li huwa kellu informazzjoni li din kien se jixtriha l-Gvern u jagħmel refurbishment fiha.

## 3.0 KORRISPONDENZA

### Crane fi Triq Reid

3.1 Il-Kunsilliera Schembri qalet li fuq il-Crane ta Reid Street huma ma kinux qablu li l-Kunsill jingħata kumpens sakemm dan ikun armat fil-post.

3.2 Il-Kunsillier Galea qal li dan il-crane se jkun qed joħloq inkonvenjent għan nies li jridu jużaw it-toroq tal-madwar. Huwa qal li Reid Street qatt ma kienet ingħalqet għat tower cranes.

3.3 Il-Kunsilliera qablu li ma jkunx hemm crane armat f’ din it-triq imma li għandha tinstab alternattiva kif jista jsir dan ix-xogħol.

### Kunċert Annwali u Ħarġa tal-Anzjani

3.4 Il-Kunsillier Chetcuti qal li waqt il-kunċert kellu jinġieb il-generator imma mill-bqija kien maħdum tajjeb.

3.5 Is-Segretarju semma li fuq l-iskema tal-attivitajiet kien hemm bżonn li niddiskutu l-applikazzjoni flimkien bħala Kunsill u nitfgħu l-proposta tal-Kunsill.

3.6 Is-Sindku semma li nistgħu napplikkaw għall attivita tal-Christmas Village.

3.7 Il-Kunsillier Galea semma jekk waqt il-laqgħa nistgħux insejħu wkoll lill-kuntrattur tad-dawl waqt il-laqgħa.

3.8 Il-Kunsilliera Schembri semmiet biex waqt l-attivita jkun hemm trasport alternattiv. Is-Sindku semma li waqt il-laqgħa huwa kien se jippropona din l-idea.

### Ħamiem

3.9 Is-Sindku semma li fuq tal-ħamiem huwa se jerġa jkellem lis-Superintendent Mamo. Is-Sindku semma wkoll li nistgħu nitkellmu mal-Malta Falconers Club biex naraw eżatt kif taħdem l-idea tal-falkuni.

### Traffic Management

3.10 Is-Sindku semma li qed ikun hemm problemi minħabba tal-permessi peress li kif inhi s-sistema il-Kunsill mhux qed ikun infurmat fuq ix-xogħolijiet li qed isiru.

3.11 Is-Segretarju semma li huwa jista jibda jiċċekkja x’ hemm fuq is-sistema u jibgħat email lill-Kunsilliera bix-xogħolijiet li jkunu se jsiru biex huma jagħtu l-feedback tagħhom.

3.12 Is-Sindku semma li biex ikompli jsir ix-xogħol tat-trenching fejn hemm Manoel Island irid ikun hemm aktar informazzjoni peress li qed jingħalqu ħafna toroq u tinħoloq konġestjoni. Is-Segretarju semma li huwa se jkellem lil Enemalta biex iġib aktar informazzjoni.

**Amministrazzjoni tad-Daycentre**

3.13 Is-Sindku ressaq draft copy ta ftehim li kien intenzjonat li jsir bejn il-Ministeru tal-Anzjani u l-Kunsill Lokali fuq l-amministrazzjoni tad-Daycentre fejn fost l-oħrajn dan kien qed jitlob li jsir ftehim fuq 10 snin u l-Kunsill Lokali irid ikopri spejjeż ta dawl, ilma, maintenance u jipprovdi polża t' assiġurazzjoni fuq il-post.

3.14 Il-Kunsilliera Schembri saqsiet xi drittijiet se jingħata l-Kunsill Lokali fuq l-użu ta dan il-post peress li fil-preżent diġa jsibuha diffiċli minn jaħdem hemhekk biex jagħtu dritt lill-membri tal-Kunsill biex jagħmlu użu minn dan il-post.

3.15 Is-Sindku semma li l-kuntratt li hemm preżenti mad-Daycentre u li mhuwiex tajjeb huwa maqsum fuq żewġ perjodi ta 5 snin kull wieħed u dan għalhekk jiskadi fis-sena 2018. Huwa semma li fuq il-kuntratt li qed jintalab jekk ma jkunx hemm qbil dan jaqa.

**Tindif u lmenti**

3.16 Il-Kunsillier Chetcuti semma li se titella mappa fuq il-website u l-Facebook page bil-mappa tal-lokalita u meta jmisshom li jsir il-knies. Din se ssir minn nhar it-Tnejn li ġej.

3.17 Is-Sindku ressaq korrispondenza biex nirrangaw arblu li kien hemm perikoluż fi Triq Nazju Ellul.

3.18 Il-Viċi Sindku ressaq korrispondenza fuq Triq Luqa Briffa peress li din kien qed ikollha problema li tegħreq bl-ilma. Huwa qal ukoll li kien hemm sleeping policeman li din kellha bżonn titkabbar. Is-Sindku semma li din qisha mingħajr użu u għalhekk niktbu lil TM fuqha biex din titneħħa. Il-Viċi Sindku semma wkoll li nistgħu napplikkaw biex din it-Triq tinqaleb one way.

3.19 Is-Sindku semma li hemm bżonn issir lista ta fejn hemm tabelli li jridu jinbidlu.

3.20 Il-Kunsillier Galea semma li hemm tappiera tal-GO li din qed tħabbat. Is-Sindku qal li tista issirlha lining bil-lakstu mad-dawra.

3.21 Is-Sindku ressaq ittra mingħand il-Lotus Crown fejn semmew li kien hemm bankina li qed tisfronda. Il-Kunsillier Chetcuti qal li hemm biċċa kbira li trid tinqala. Is-Sindku issuġġerrixxa biex l-ewwel tinġieb stima tax-xogħol li hemm bżonn isir u jekk dan ikun għoli jinqasmu l-ispejjeż bin-nofs peress li huma ġa offrew li jgħinu.

**Attivita ġewwa x-Xatt**

3.22 Is-Sindku semma li dakinhar li kien hemm tal-martial arts kien hemm attivita sabiħa peress li huwa mar jara din l-attivita. Huwa qal li tkun idea tajba li din terġa ssir. Il-Kunsilliera qablu.

**Xogħolijiet u lmenti**

3.23 Il-Kunsillier Chetcuti qal li r-rampa li kienu għamlu l-BOV issa kienet tneħħiet. Huwa qal li aħna konna infurmajnihom li kienet waslet iż-żebgħa.

3.24 Il-Kunsillier Galea semma biex flok rampa isiru turġien u tidjieq dik il-parti. Huwa ressaq sketch ta kif dan jista jsir.

3.25 Is-Sindku ssuġġerrixxa biex inkellmuhom u nressqulhom din il-proposta.

3.26 Il-Kunsilliera Schembri semmiet li jeħtieġ li jkun hemm deadlines fuq l-affarijiet li jkunu realistiċi sakemm dawn isiru.

3.27 Il-Kunsilliera Schembri semmiet jekk nistgħux nipprovdu xi forma t' għajnuna lil-iskola Stella Maris fuq ir-roqgħa li se jkollhom ġewwa l-ġnien li fiha se jkunu qed ikabbru xi pjanti. Hija qalet li kienet se tkellem lil Graham f' laqgħa li kien se jkollha miegħu nhar l-Erbgħa u tara x' inhuma l-bżonnijiet. Ġie suġġerriet biex ikun hemm inawgurazzjoni tagħha din u tkun ippreżentata xi għodda biex tintuża f' dil-parti.

3.28 Il-Kunsillier Chetcuti semma li dik il-persuna homeless li hemm qed tgħix ġewwa l-ġnien kien kellem lis-Superintendent Mamo fuqha biex issib soluzzjoni.

3.29 Il-Viċi Sindku semma li kien kellmu dik il-persuna li jieħu ħsieb il-lattrina u l-kiosk li hemm ġewwa l-Bandli meta se jsir ix-xogħol peress li huwa kellu f' moħħu li jagħmel upgrade fuq is-sistema li kien hemm tad-drenaġġ.

## 4.0 PROGRESS

### Ħaddiema tal-Kunsill

4.1 Is-Segretarju tkellem fuq il-proċess tal-ingaġġ tal-istaff tal-Kunsill fiex kien wasal. Huwa semma li kienet ħarġet l-approvazzjoni minn naħa tad-Dipartiment u saru l-avviżi neċessarji. Huwa semma li mis-sejħiet li saru kien hemm applikazzjoni għal skala 13 u żewġ applikazzjonijiet għal skala 15. Huwa semma li f' dan il0każ kellu jkun nominat Bord minn fost il-Kunsilliera u tinstab data biex isiru l-intervisti.

4.2 Is-Sindku innomina lil-Kunsilliera Schembri minn fost il-Kunsill biex tkun fil-Bord u talab lill-Kunsilliera l-oħra biex jaraw minn fosthom jixtieq jifforma parti mill-Bord. Kien hemm il-Kunsillier Chetcuti li ntgħażel biex jifforma parti mill-Bord.

4.3 Il-Kunsilliera Schembri semmiet li peress li hemm waħda mill-kandidati ġejja mill-ambjent tal-Kunsilli issuġġeriet biex waqt l-intervisiti isirilhom forma ta' sitwazzjoni u naraw huma kif jimxu f' dak ir-rigward.

### Dawl Fawwara Gate

4.4 Fuq id-dawl li kellu jsir f' Fawwara Gate, is-Sur. Borg semma li għadna qed nistennew risposta fuq il-kwotazzjonijiet li kellhom jinġiebu.

### Vettura tal-Kunsill

4.5 Il-Kunsillier Chetcuti semma li hemm problema minn naħa tal-ħaddiema ta' barra li peress li dawn jinstabu mingħajr vann qed jgħidu li ma jistgħux jaħdmu.

4.6 Il-Kunsillier Galea semma li l-istimi li nġiebu fuq il-vann sabiex dan jinkera kienu għoljin ħafna. Wara li kien hemm diskussjoni xi tkun l-aħjar għażla għall Kunsill Lokali l-Kunsilliera qablu li l-aħjar għażla tkun li l-vann jinxtara.

**U-Bars, Bye-Laws u DNO**

4.7 Is-Sindku semma li fuq tal-U-Bars huwa kien tkellem mal-avukat u lestielu l-emendi. Huwa semma li bl-emendi li saru l-Kunsill Lokali se jibqa responsabbli fil-maġġoranza tagħhom u jkun hemm persuna li tieħu ħsieb ir-reklamar u jingħata perċentwal lill-Kunsill Lokali.

**Permessi tal-Ħwienet**

4.8 Il-Kunsillier Chetcuti saqsa jekk is-sistema tal-permessi kinitx irranġata. Is-Segretarju semma li din kienet riżolta.

**Taxxa fuq Propjeta**

4.9 Is-Sindku semma li fuq l-idea li titnaqqas it-taxxa minn fuq il-kuntratt tal-propjeta li hemm intitolata lill-Kunsill Lokali saret talba lill-Ministru fejn informana kif għandha issir din it-talba.

## 5.0 APPROVAZZJONI TA' ĦLASIJIET

5.1 Il-Kunsillier Chetcuti semma li fuq ix-xogħolijiet li għamel J & K talab għoli ħafna apparti li dawn ma sarux kollha kif suppost u għalhekk għandhom jinżammu parti minhom. Is-Segretarju ħa nota.

5.2 Il-Kunsillier Chetcuti saqsa fuq il-kont tad-digital Magic. Is-Segretarju spjegah.

5.3 Is-Sindku semma li kien hemm talba mill-Ex-Segretarju Eżekuttiv is-Sra Margaret Psaila fuq il-performance bonus dovut lilha. Is-Segretarju semma li bħala minimu hija dovuta 5% u massimu ta 10%. Il-Kunsilliera semmew li huma ma kinux sodisfatti fuq il-mod kif ħadmet Ms. Psaila u qablu li din kellha tingħata 5%.

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha nhar it-Tlieta 15 ta' Settembru 2015 fit-8.05 pm. Kien hemm il-ġurnata tat-Tlieta 6 t' Ottubru 2015 proposta għall laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ________________________ 2015.

| | |
|---|---|
| ______________________ | ______________________ |
| Conrad Borg Manché | Michael Portelli |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |